MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 725/2012

**Atlas Insurance PCC Limited [C-5601]**

**vs**

**Joseph Cassar Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-25 ta' Ottubru, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma ta' seba' mija u tmenin euro u hamsa u hamsin centezmu ta' euro [€780.55] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Peress illi l-konvenuta hija debitrici tal-attrici ghas-somma ta' €780.55c rappresentanti bilanc ta' premia in konnessjoni mal-hrug ta' poloz ta' assikurazzjoni fuq istruzzjonijiet tal-konvenuta, bin-numri 014672-210-001 u 014672-830-001.

Peress illi l-konvenuta, ghalkemm debitament interpellata diversi drabi baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant is-socjeta attrici titlob illi s-socjeta konvenuta tigi dikjarata debitrici tas-socjeta attrici u tigi kkundannata thallasha s-somma ta' seba mija u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€780.55c).

Nl-imghax legali mill-21 ta' Lulju 2011 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi tal-ittra legali tat-13 ta' Awwissu, 2012, kontra l-konvenuta, li minn issa tibqa ngunta ghas-subizzjoni taghha".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba fit-2 ta' Novembru, 2012, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar il-5 ta' Dicembru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-5 ta' Dicembru, 2012 u l-fatt li s-socjeta intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' seba' mija u tmenin euro u hamsa u hamsin centezmu ta' euro [€780.55], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------